MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1016/2011

**Alex Joseph Spagnol**

**(K.I. Numru 315580 M)**

**vs**

**Playmobil Malta Limited**

**(C 2466)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 t' Ottubru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi hu impjegat mas-socjeta` intimata;

1.2 Illi waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-fabbrika tas-socjeta` intimata f'Hal-Far, fil-5 ta' Marzu, 2009, hu kien vittma t'incident fejn sofra debilita` permanenti;

1.3 Illi konsegwenza diretta tal-istess hu sofra telf ta' qliegh u danni konsegwenzjali;

1.4 Illi l-incident *de quo* sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` intimata;

1.5 Illi nonostante li s-socjeta` intimata giet interpellata biex tghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, din baqghet inadempjenti;

1.6 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghall-incident fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel;

1.6.2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-istess incident;

1.6.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.6.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

1.6.5. B’riserva ghal kull azzjoni ohra skont il-ligi;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-28 ta’ Dicembru, 2011, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet is-segwenti:

2.1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hi infondata;

2.2. Illi *stante* li s-socjeta` intimata mhix responsabli ghall-incident *de* quo, din l-ewwel talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

2.3. Illi ghalhekk, *stante* li m’hemmx danni x’jigu likwidati, it-tieni talba ghandha tigi respinta;

2.4. Illi fi kwalunkwe kaz, f’dan il-kuntest ta’ likwidazzjoni ta’ danni, l-entita` ta’ danni rikjamati mir-rikorrenti hu ikkontestat, u ghalhekk ir-rikorrenti ghandu jgib il-prova tad-danni skont il-ligi;

2.5. Illi t-tielet talba wkoll ghandha tigi michuda *stante* li s-socjeta` intimata m’ghandiex tigi kostretta thallas l-ebda danni lir-rikorrenti;

2.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta’ Jannar, 2012, li permezz tieghu, hatret espert ortopediku, (ara foll 24);

4. Rat ir-relazzjoni tal-espert ortopediku datata t-23 ta’ Frar, 2012, (ara foll 48);

5. Rat l-ordni ta’ trasferiment ta’ kawzi datat it-13 ta’ Frar, 2014, li permezz tieghu l-kawza odjerna giet trasferita b’effett immedjat lil din il-qorti kif issa preseduta;

6. Rat id-digriet ta’ din il-qorti datat it-3 t’April, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 103);

7. Rat in-nota t’osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata s-6 ta’ Mejju, 2014, (ara foll 104);

8. Rat in-nota responsiva tas-socjeta` intimata datata t-18 ta’ Gunju, 2014, (ara foll 114);

9. Ezaminat ix-xhieda kollha esebita in atti;

10. Rat id-dokumenti kollha esebiti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti hu impjegat tas-socjeta` intimata fejn l-ewwel kien *“machine operator”* u wara avvanza ghal *“machine setter”*, (ara foll 29);

12.2. Illi fil-5 ta’ Marzu, 2009, ir-rikorrenti kien ilu hekk impjegat tas-socjeta` intimata ghal madwar hames (5) snin, (ara foll 29 u foll 114), u kien gie ordnat jahdem fuq magna msejha R17 li hi *“printing machine”*, (ara foll 29);

12.3. Illi r-rikorrenti kien gia` lesta ordni wahda fuq l-imsemmija magna u beda jahdem fuq it-tieni ordni, (ara foll 29);

12.4. Illi biex ikun jista` jaghmel dan, l-istess rikorrenti jghid li zarma l-*“pots”* u l-*“cliches”*, ossija “bicciet tal-hadid bil-*“print”* imhaffer fihom, naddafhom u pogga zebghat godda skont l-ordni, rama` l-magna, wahhel it-“*tampons*”, u wasal fil-fazi biex jissettja l-magna, (ara foll 29);

12.5. Illi l-magna in dizamina kellha cavetta fil-*“panel”* taghha biex l-operatur idawwarha halli jkollu access li tahdem bil-bibien u l-*guards* miftuhin (ara foll 29);

12.6. Illi meta r-rikorrenti iccekkja l-*print* induna li kien gej xi *“fluff”* ta’ zebgha li jfisser, skont l-istess rikorrenti, li jkun hemm arja diretta fuq it-*“tampon”* biex jitnehha l-fluff, (ara foll 29);

12.7. Illi ghalhekk iccekkja kienx hemm arja u sab li ma kienx hemm, (ara foll 29);

12.8. Illi biex ikun zgur li mhux hiereg arja haddem il-*“head”* b’mod manwali billi ghafas buttuna biex johrog il-*carriage* u f’dak il-kaz, tohrog l-arja wkoll, (ara foll 29);

12.9. Illi meta fil-kaz odjern ir-rikorrenti ghamel l-imsemmija manuvra, induna li l-*head* ma kienitx qed tiffunzjona tajjeb, (ara foll 29);

12.10. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti jsostni li ghafas il-buttuna tal-*control panel* biex ihaddem il-*head* u tohrog l-arja, (ara foll 29);

12.11. Illi f'dan il-mument li fih ir-rikorrenti ghafas il-buttuna:

> "... hadmet il-magna kollha inkluz il-mejda u l-*heads* kollha. F'daqqa wahda qabditli subghajja bejn il-*pipe* u l-*jig* li jkun bil-*part* u ma tani ebda cans innehhi jdejja", (ara foll 29);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi skont ir-rapport tal-incident redatt mill-ko-ordinatur azzjendali ghas-sahha u is-segurta` jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi fix-xoghol tieghu li wassal ghall-incident in dizamina, r-rikorrenti:

"kiser il-procedura illi haddiem fis-socjeta` intimata kellu jopera bih. Fil-fatt *in parte* hu mexa skont il-procedura u *in parte* ma mexiex", (ara foll 101);

13.2. Illi skont l-istess ko-ordinatur fuq riferit jirrizulta li meta r-rikorrenti ghafas il-buttuna esterna biex jopera l-magna kif sostna l-istess rikorrenti, (ara paragrafu numru tnax punt hdax, (12.11.), aktar qabel):

"Dan suppost sar bil-*guards* maghluqa", (ara foll 101);

13.3. Illi skont l-istess ko-ordinatur dawn il-*guards* inghalqu manwalment – haga li r-rikorrenti ma jirrizultax li ghamel, (ara foll 29);

13.4. Illi skont l-istess ko-ordinatur, biex ir-rikorrenti jaghmel l-operazzjoni li wasslet ghall-incident *de quo* minghajr il-hsara li avverat ruhha, dan:

"... suppost li l-ewwel jaghlaq il-*guards* u wara jhaddem it-*turn table*";

13.5. Illi din il-metidologija protettiva:

"hi wkoll specifikata f'dokument illi jiena pprezentajt ghat-*training* tal-impjegati tal-istess socjeta`, fejn jenfasizza illi biex tahdem it-*turn table*, haddiem ghandu jhaddimha bil-*guards* maghluqin. Jekk impjegat li qed ihaddem il-magna ma jaghfasx il-buttuna, l-impjegat qatt ma jista` jwegga`", (ara foll 101);

13.6. Illi meta r-rikorrenti l-ewwel dahhal subghajh fil-magna hu, fl-istess hin, b'idejh l-ohra, ghafas il-buttuna *de quo*, (ara foll 101 u foll 29);

13.7. Illi skont l-istess ko-ordinatur, il-manuvra indikata fil-paragrafu precedenti:

"qatt ma ghandha ssir, ghaliex anke mil-*manwal* u mit-training enfasizzaw illi biex thaddem il-magna irid ikun hemm il-*guards* imtellghin, biex zgur hadd ma jdahhal idejh jew subghajh fl-istess magna waqt li tkun operata", (ara foll 102);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi minn analizi tas-suespost jista` jigi sintetikament karpit is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti kien inghata t-tahrig mehtieg biex jopera l-magna in dizamina;

14.2. Illi apparti t-tahrig appozitu moghti lilhu mis-socjeta` intimata l-istess rikorrenti kien ikkwalifika biex jahdem fuq il-magna in dizamina wara li kien akkumula diversi snin t'esperjenza;

14.3. Illi r-rikorrenti kien ukoll inghata tahrig specifiku rigwardanti s-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol biex jigu evitati incidenti simili ghal dak hawn riskontrat;

14.4. Illi l-magna in dizamina kienet munita bil-protezzjoni appozita – *"guards"* mad-dawra kollha – (ara foll 79 C), fejn skont l-istruzzjonijiet u tahrig specifikament moghti, l-ebda operatur ta' tali magna ma kellu jopera l-istess magna b'dawn il-*"guards"* imnizzlin;

14.5. Illi fl-operat tal-istess magna veru u propju:

> " ... bhala periklu dwar il-kaz, suppost ma kien hemm xejn", (ara foll 79 B);

14.6. Illi meta r-rikorrenti opera l-istess magna bl-imsemmija *"guards"* imnizzlin, allura kien hu u hu wahdu, li assuma r-responsabbilta` ghall-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu allura jkun pacifiku:

15.1. Illi l-magna in dizamina kient skont l-ispecifikazzjonijiet rikjesti biex fuqha jkun jista` jsir xoghol minghajr hsara ghall-operatur taghha;

15.2. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti sehhew meta kontra kull struzzjonijiet lilhu moghtija, hu dahhal idejh biex jaghfas il-buttuna tal-magna meta kien hemm il-*"guards"* imnizzlin – haga li ma kellu qatt jaghmel;

15.3. Illi la r-rikorrenti ghazel li jmur kontra l-istruzzjonijiet kemm prattici, kif ukoll teoretici lilhu specifikament moghtija, ghandu allura jerfa` r-responsabbilita` tal-akkadut;

15.4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jsostni li b'rizultat ta' dan l-incident is-socjeta` intimata effettwat xi tibdiliet fuq il-magni, (ara foll 30), dan gie kategorikament michud mill-*manager* tas-socjeta` intimata responsabbli ghall-*"Health and Safety"*, (ara foll 102);

15.5. Illi t-tibdil li jirrizulta li sar kien jirrigwarda *"risk assessment"* fejn is-socjeta` intimata stabbiliet:

> "... li jekk jista` jkun, il-magna ma timxix *"indexing table"* jekk hemm is-*"safety gate"* miftuha", (ara foll 89 u 90);

Ikkunsidrat:

16. Illi tenut kont tas-sintesi fuq esposta ghandu allura jkun pacifiku li r-rikorrenti ma ppruvax l-ewwel talba tieghu li permezz taghha talab li s-socjeta` intimata ghandha tkun dikjarata responsabbli ghall-incident in dizamina u dan, *stante* li n-negligenza riskontrata hi attribwibbli mhux lil din is-socjeta` izda lir-rikorrenti meta, kif irrizulta u fuq elenkat, ghazel li jaghfas il-buttuna tal-magna R17 meta hu ma tellax il-*"guards"* taghha qabel m'ghamel hekk, kif kien obbligat u istruwit li jaghmel;

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess:

17.1. Filwaqt li takkolji l-ewwel risposta tas-socjeta` intimata;

17.2. Tirrespingi l-ewwel talba tar-rikorrenti;

17.3. Konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra tar-rikorrenti u tar-risposti konsegwenzjati ghall-istess kif introdotti mis-socjeta` intimata;

17.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------